MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Numru 338/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

Sergio Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Sergio Borg ta’ karta ta’ identita’ numru 201980(M), akkuzat:

Talli gewwa z-Zurrieq, fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Marzu, ghall-habta ta’ 12:00 minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Antoine Dalli mill-Qrendi f’periklu car ikkagunalu ferita’ ta’ natura gravi, permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, fuq il-persuna ta’ l-istess Antoine Dalli skond ma ccertifika Dr Joseph Galea M.D. liema ferita

ggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta' l-Artikoli 216(1)(b) u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-Pubbliku bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar akkuzat talli fl-istess cirkustanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli garr arma li taqta u bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'offiza li kkaguna ferita ta' natura gravi, li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, li qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u li kien qieghed igorr arma li taqta u bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

L-akkuzi jirrisulta li kellhom l-ezitu taghhom il-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Marzu tas-sena 2002 minhabba li litigju li l-imputat kellu ma certu Antoine Dalli wara li kienu hargu minn diskoteka. Gie allegat u anka pruvat li l-imputat mar minn wara u ta daqqa f'ras l-imsemmi Antoine Dalli, u segwa din l-azzjoni billi hareg mus u ghamel ferita taht ghajn ix-xellugija ta' l-istess Dalli.

L-imputat sostna li l-azzjoni tieghu kienet istintiva u konsegwenza ta' provokazzjoni ta' l-istess Dalli. Ammetta izda li kien qieghed fil-pussess tal-mus.

Ix-xhieda tat-Tabib li mmedika l-ferita tghid li ghalkemm ta' natura gravi ma kellhiex konsegwenzi serji u l-marka li halliet "kemm kemm tidher".

Illi wara li qieset il-provi u c-cirkostanzi l-Qorti tara li jirrisultaw pruvati l-ewwel u r-raba akkuza izda mhux it-tieni u t-tielet. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha u wara li rat l-Artikolu 216(1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 66 qieghdha rigward l-ewwel tillibera lill-imputat taht il-Kap 446, Artikolu 22, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum u fil-konfront tar-raba akkuza qeghdha tikkundannah multa ta' Lm20. Tordna wkoll l-konfiska tal-mus.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------